**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' April, 2018**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 1031/2015**

**Raymond Avallone f'ismu propju u bhala direttur u ghan-nom tas-socjeta Rays Car Hire Limited**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru;**
**Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima;**
**Onorevoli Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva;**
**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur pro et noe tat-2 ta' Novembru 2015 li jghid hekk:

1. IIIi ir-rikorrent nomine huwa s-sit ta' binja li tinsab fi Triq l-Imdina, Zebbug, u liema binja hija, fost l-ohrajn, koperta bil-permess numru PA 6461/03;
2. IIIi meta r-rikorrent applika u ottjena il-permess ghall-binja tieghu, l-Awtorita intimata imponiet fuqu obbligu li jhalli zona mis-sit tieghu, mhux mibnija ta' tlett metri matul in-naha tal-punent tas-sit tieghu kollu, u dan peress illi s-sit tar-rikorrent kien ikkunsidrat bhala end of scheme plot, u b'hekk l-ischeme ma tispiccax b'hajt ta' appogg mikxuf.
3. Illi r-rikorrent bena is-sit tieghu b'dan il-mod.
4. Illi permezz ta' emenda fil-Pjan Lokali fis-sena 2006, iz-zona in kwistjoni giet ikkunsidrata bhala Area of Containment, izda il-linja ta' tali Area of Containment giet estiza fuq in-naha tal-punent tas-sit proprjeta tar-rikorrent u b'hekk, fl-istess Area of Containment gie inkluz sit illi sallum ghadu mhux zviluppat;

5. Illi permezz ta' applikazzjoni PC 55/10, l-Awtorita bdiet ii-process sabiex iz-zona kollha koperta b'din l-Area of Containment tigi zoned, inkluz is-sit li zdiet fuq in-naha tal-Punent.
6. Illi r-rikorrent kien diga ressaq l-oggezzjonijiet tieghu ghall-mod li bih tali Area of Containment giet estiza li tinkludi sit li ma kienx zviluppat, oltre riservi procedurali ohra.
7. Illi skont decizjoni mehuda mill-Awtorita protestata, u tenut ukoll kont tal-fatt illi l-istess Awtorita kient imponiet obbligu fuq ir-rikorrent li ma jizviluppax tlett metri matul in-naha tal-punent tas-sit tieghu kollu, is-sit li sallum ghadu mhux zviluppat u li kien inkluz fl-Area of Containment gie dezinjat bhala Undeveloped Open Space.
8. Illi skont dak provdut fl-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, tali decizjoni giet riferuta lill-Ministru Responsabbli mill-Ambjent sabiex dana jiehu decizjoni fuq dak deciz mill-Awtorita protestata.
9. Illi s-Segretarju Parlamentari intimat, u mhux il-Ministru responsabbli mill-Ambjent, permezz ta' position statement datat 6 ta' Jannar 2015, ikkummenta fuq l-istess decizjoni, u, skont ma jifhem ir-rikorrent, baghat lura d-decizjoni mehuda mill-Awtorita intimata u dan sabiex dina terga’ tiehu decizjoni mill-gdid.
10. Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-istess Awtorita bil-bibien maghluqa, l-Awtorita bidlet id-decizjoni precedenti taghha u nehhiet iz-zoning ta' Undeveloped Open Space fuq is-sit li ghandu mhux zviluppat fl-Area of Containment, u approvat zoning ta' zvilupp ta' bini kummercjali jew industrijali ta' gholi ta' 10.5 metri.
11. Illi effettivament dan ifisser illi t-tlett metri matul in-naha tal-punent tas-sit kollu proprjeta tar-rikorrent inzammew mhux zviluppati ghalxejn, u dan b'detriment u ghad-dannu tal-istess protestant.
12. Illi huwa inkoncepibbli kif l-istess Awtorita li imponiet tali restrizzjoni fuq ir-rikorrent issa, minnghajr l-ebda spjegazzjoni, taqbad u tiddeciedi b'mod li bih trendi tali imposizzjoni maghmula minnha stess inutili, bil-konsegwenzi kollha li tali decizjoni iggib maghha.
13. Illi dan oltre il-fatt, proceduralment, tali decizjoni ittiehdet bi ksur tal-provvedimenti tal-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq position statement li certament huwa ambigwu u minnghajr l-ebda direzzjoni specifika u mahrug minnghajr l-awtorita tal-Ministru responsabbli taht il-provvedimenti tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan oltre il-fatt illi l-Awtorita intimata, bid-decizjoni taghha, li tmur kontra dak provdut fl-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'decizjoni mehuda bil-bibien maghluqa u minghajr l-ebda motivazzjoni, ikkagunat danni ingenti lir-rikorrent.
14. Illi oltre dan, tali decizjoni tmur kontra dak provdut f’artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
15. Illi l-intimati gew debitament interpellati tramite protest gudizzjarju debitament notifikat sabiex huma, jew minn minnhom, ihassru, jikkancellaw u jreggghu lura dak minnhom illegalment maghmul, filwaqt li l-istess intimati inzammew responsabbli ghad-danni kollha sofferti li ghad iridu jigu sofferti mir-rikorrent, izda lkoll baqghu inadempjenti, u ghaldaqstant ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tiddikjara li d-decizjoni mehuda minnhom regward l-applikazzjoni PC 55/10 hija nulla, invalida u bla effett stante li tmur kontra dak provdut fil-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll kontra dak provdut fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement tiddikjara illi kull decizjoni mehuda minnhom in segwitu ta' dan hija daqstant iehor nulla u bla effett;
3. Tiddikjara illi bl-agir taghhom, l-intimati ikkagunaw danni lir-rikorrenti, u tikkundanna lill-intimati, jew minn minnhom, bhala responsabbli ghal dan;
4. Konsegwentement, u a tenur tal-artikolu 469A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati, jew minn minnhom, sabiex ihallsu id-danni lir-rikorrenti;
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita li tghid hekk:

1. Preliminarjament, l-atturi jridu jressqu prova dwar it-titolu li ghandhom ghall-proprjeta mertu tal-kawza, u dan sabiex jirradikaw l-interess guridiku mehtieg ghall-prosegwiment ta' din il-kawza.

2. Illi l-Awtorita esponenti mhijiex il-legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-PC application mertu tal-kaz, li hija PC application li stabbiliet iz-zoning u l-planning policies li jirregolaw l-area desinjata bhala Area of Containment fil-mappa AC2 tas-South Malta Local Plan, giet approvata mill-Ministru kkoncernat u mhux mill-Awtorita esponenti, u dan skont kif ipprovdut fl-Artikolu 58(2) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-artikolu tal-Ligi li jirregola l-procedura li trid tigi segwita sabiex tigi determinata PC application ta' din ix-xorta.

3. Illi ghalhekk ir-rikorrenti mhumiex korretti meta jirreferu ghad-decizjoni mehuda fuq il-PC application in kwistjoni bhala "decizjoni mehuda mill-Awtorita". L-Artikolu 58(2) tal-Kapitolu 504 jipprovdi testwalment illi "meta l-Awtorita thejji policy jew pjan sussidjarju jew revizjoni tieghu kif hawn aktar qabel imsemmi fuq, hija ghandha titlob l-approvazzjoni tal-Ministru"; minghajr l-imsemmija approvazzjoni ministerjali, il-PC application mertu ta' dawn il-proceduri ma kien ikollha forza u sahha ta' xejn.

4. IIIi d-decizjoni fuq il-PC application in kwistjoni, li permezz taghha l-Ministru kkoncernat approva l-planning policies applikabbli ghal area of containment in kwistjoni, ma tikkostitwixxix "eghmil amministrattiv" u ghalhekk tali decizjoni mhijiex sindikabbli taht xi wahda jew aktar mill-kawzali tal-Artikolu 469A tal-Ligijiet ta' Malta.

5. IIli b'referenza ghall-paragrafu erbgha (4) tar-rikors mahluf, jigi rrilevat li r-rikorrenti mhumiex korretti meta jghidu li "permezz ta' emenda fil-Pjan Lokali fis-sena 2006, iz-zona in kwistjoni giet ikkunsidrata bhala Area of Containment, izda l-linja ta' tali Area of Containment giet estiza fuq in-naha tal-punent tas-sit proprjeta tar-rikorrent u b'hekk, fl-istess Area of Containment gie inkluz sit li sallum ghadu mhux zviluppat." Iz-zona in kwistjoni giet desinjata bhala Area of Containment permezz tas-South Malta Local Plan li gie approvat fis-sena 2006. Il-linja ta' demarkazzjoni li tindika u tiddefinixxi l-konfini ta' din iz-zona, hekk kif approvata fil-Pjan Lokali relattiv, ma giet bl-ebda mod varjata jew estiza b'xi emenda sussegwenti fis-South Malta Local Plan. Illi l-PC application mertu ta' dawn il-proceduri tirrigwarda limitatament iz-zona desinjata bhala Area of Containment fil-Pjan Lokali relattiv, tali applikazzjoni ma approvat l-ebda zoning, u ma stabbilit l-ebda planning parameters, fir-rigward ta' xi

sit jew zona li taqa' barra mill-konfini tat-territorju desinjat bhala Area of Containment fil-Pjan Lokali relattiv.

6. Illi b'referenza ghall-paragrafu ghaxra (10) tar-rikors guramentat, fejn l-atturi jsostnu li "permezz ta' decizjoni mehuda mill-istess Awtorita bil-bibien maghluqa, l-Awtorita bidlet id-decizjoni precedenti taghha u nehhiet iz-zoning ta' Undeveloped Open Space fuq is-sit', l-Awtorita ghal darba ohra tippreciza li hija ma hadet l-ebda decizjoni fuq din l-applikazzjoni. Illi l-Artikolu 58(k) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li fl-istadju li fih l-Awtorita esponenti tigi mgharrfa, permezz ta' position statement, bil-pozizzjoni finali tal-Ministru fuq l-PC application, hija "ghandha minnufih temenda l-pjan sussidjarju skont l-istqarrija ta' pozizzjoni finali tal-Ministru u tipprezentah lill-Ministru gnall-approvazzjoni finali tieghu (Artikolu 58(2)(k) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta). F'dan l-istadju l-ligi ma tezigi jew tikkontempla ebda process ulterjuri ta' konsultazzjoni pubblika, proprju ghaliex bl-imsemmija stqarrija ta' pozizzjoni, il-Ministru kkoncernat ikun iddikjara l-pozizzjoni finali tieghu fuq iz-zoning/planning policies li ghandhom jigu applikati u implimentati ghaz-zona mertu tal-PC application. F'dan l-istadju l-MEPA hija obbligata li timplimenta "minnufih" l-emendi mehtiega u rikjesti mill-Ministru kkoncernat u tghaddi l-istess applikazzjoni ghall-approvazzjoni finali tieghu (il-Ministru).

7. Illi l-Awtorita esponenti ma tistax u ma ghandiex titqies responsabbli ghad-danni allegatament subiti mill-atturi per konsegwenza tad-decizjoni mehuda fir-"rigward tal-PC 55/10" u/jew "kull decizjoni mehuda in segwitu ghal dan", u dan ghar-ragunijiet imfissra fl-eccezzjonijiet imqanqla mill-Awtorita fit-tieni u t-tielet paragrafu ta' din ir-risposta, billi l-Awtorita ma ghamlet xejn li bih setghet ikkagunat xi danni lill-atturi, li f'kull kaz iridu jigu ppruvati. Kull pretensjoni tal-atturi f'dan ir-rigward qed tigi kategorikament respinta.

8. Illi f'kull involviment li kellha l-Awtorita f'dan il-kaz, hija dejjem imxiet in piena konformita mal-obbligi u l-funzjonijiet fdati lilha skont il-ligi, u ma kkagunat l-ebda dannu lir-rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimti l-ohra li tghid hekk:

Illi l-eccezzjonijiet tal-esponenti hawn taht elenkati qeghdin jinghataw rninghajr pregudizzju ghal xulxin:

Eccezzjonijiet preliminari

1. Illi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti Onor. Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima rnhuwiex il-legittirnu kontradittur ghal pretensjonijiet attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu illi hu ma kien involut bl-ebda mod fil-kwistjoni mertu tal-kawza odjerna;

2. Illi l-azzjoni odjerna kif intavolata hija improponibbli stante illi mhuwiex car liema att qieghed jintalab stharrig dwaru u ghaldaqstant f'dan ir-rigward l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tordna lir-rikorrenti jindikaw precizament ghall-liema decizjoni qeghdin jirreferu u in kwantu qed jintalab stharrig gudizzjarju tal-'position statement' li

ghamel l-esponent Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar u Sirnplifikazzjoni Amministrattiva, l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu r-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-artikolu 469A, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabilita ta' dan l-artikolu stante li l-ebda att fir-rigward tal-esponenti li minnu qed jilmentaw ir-rikorrenti, ma jaqa' taht id-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv;

4. Illi l-ewwel talba kif intavolata fir-rikors in risposta hija pjuttost vaga u minhabba f'hekk l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-istess rikorrenti sabiex jispecifikaw b'aktar precizjoni ezattament taht liema artikolu tal-ligi, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw din it-talba taghhom u f'dan ir-rigward l-esponenti qieghdin prezentement jirrizervaw il-pozizzjoni taghhom f'kaz li jkun hemm bzonn li ssir xi risposta ulterjuri wara li r-rikorrenti jkunu ghamlu l-indikazzjonijiet imsemmija;

Eccezzjonijiet fil-mertu
5. Illi dato ma non concesso li l-eccezzjonijiet precedenti ma jigux akkolti u rninghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-esponenti qeghdin jirrespingu bil-qawwa kollha l-premessi, allegazzjonijiet u talbiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi r-rikorrenti jridu necessarjament iressqu prova dwar it-titolu illi huma ghandhom fuq il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna, u dan sabiex jirradikaw l-interess guridiku mehtieg ghall-prosegwirnent tal-kawza;

7. Illi b'referenza ghall-paragrafu erbgha (4) tar-rikors guramentat in risposta, a kuntrarju ta' dak li qed jallegaw ir-rikorrenti, l-esponenti jirrelevaw illi z-zona in kwistjoni giet desinjata bhala Area of Containment fis-sena 2006 u permezz tal-PC application mertu ta' dawn il-proceduri I-area of containment in kwistjoni bl-ebda mod ma giet estiza;

8. Illi I-PC application mertu tal-kawza odjerna bl-ebda mod ma biddlet il-parametri tal-Area of Containment u ghalhekk il-pozizzjoni tal-proprjeta tar-rikorrenti fl-Area of Containment kif stabbilita f’South Malta Local Plan approvat fl-2006 bl-ebda mod ma giet mittiefsa u l-linja ta' demarkazzjoni li tindika u tiddefinixxi l-konfini ta' din iz-zona, hekk kif approvat fil-Pjan Lokali relattiv, ma giet bl-ebda mod varjata jew estiza u ghalhekk il-pozizzjoni tar-rikorrenti dejjem baqghet l-istess izda dak li gara hu li l-fond adjacenti ser ikun jista' jigi zviluppat. Illi l-Istat ghandu margini ta' apprezzament wiesgha f'dak li jirrigwarda zvilupp u kontroll ta' zvilupp. Illi ebda persuna ma ghandha dritt li tizviluppa l-proprjeta taghha izda d-dritt huwa li tapplika ghal permess ta' zvilupp. Galadarba dak li applika ghalih ir-rikorrent u dak li inghatalu bhala permess sabiex jibni inbena u ma kien hemm ebda caqliq f'dak il-bini, it-talbiet tar-rikorrenti certament li mhux gustifikati;

9. Illi I-PC application mertu tal-kawza odjerna tirrigwarda limitatament iz-zona li kienet diga desinjata bhala Area of Containment fil-Pjan Lokali Relattiv u tali applikazzjoni ma approvat l-ebda zoning u ma stabbilit ebda planning parametres, fir-rigward ta' xi sit jew zona li taqa' barra mill-konfini tat-territorju desinjat bhala Area of Containment fil-Pjan Lokali relattiv;

10. Illi l-esponenti qatt ma kienu nvoluti fil-hrug tal-permess tal-bini tar-rikorrent u wisq anqas fil-limitazzjonijiet ta' bini u zvilupp imposti mill-awtorita fuq ir-rikorrent;

11. Illi fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrenti f'paragrafi tmienja (8) u disgha (9) tar-rikors guramentat in risposta u cioe illi d-decizjoni tal-Awtorita intimata rigwardanti l-PC Application mertu tal-kawza odjerna giet riferuta lill-Ministru responsabbli mill-Ambjent u li kien is-Segretarju Parlamentari intimat u mhux il-Ministru responsabbli mill-Ambjent li ha d-decizjoni, l-esponenti jirrelevaw illi l-Awtorita intimata ma rreferietx id-decizjoni taghha lill-Ministru responsabbli mill-Ambjent izda lill-esponent Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva li jaqa' taht il-Prim Ministru u cioe dak li ghandu l-mansjoni rigwardanti l-Izvilupp u l-Ippjanar u li tahtu taqa' l-istess Awtorita intimata u li ghalhekk ghandu l-poter necessarju illi jiehu decizjoni dwar l-imsemmija PC Application;

12. Illi i-position statement tal-esponent Onorevoli Segretarju Parlamentari mehud fir-rigward tal-PC Application u l-approvazzjoni sussegwenti tal-istess PC Application mill-esponent Onorevoli Prim Ministru saru in linea mal-ligijiet u regolamenti vigenti u ttiehdu b'tali mod li jassiguraw illi ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fis-siti zoning conditions tas-siti inkluzi fl-Area of Containment in kwistjoni;

13. Illi in kwantu li l-azzjoni tidher li hija ibbazata fuq l-artikolu 469A, l-esponenti jecepixxu illi l-Gvern ghandu d-dritt illi b'harsien shih lejn il-ligi u l-principji li jenamaw minnha jaghmel it-tibdiliet necessarji skont il-htigijiet tal-pajjiz. Illi d-diskrezzjoni li temana mill-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta giet uzata fil-parametri tal-istess artikolu u li bl-ebda mod ma kien hemm abbuz ta' poter, nuqqas ta' ragjonevolezza jew xi agir li kien ultra vires dak mistenni mill-istess artikolu. Illi l-esponenti Segretarju Parlamentari u Onor. Prim Ministru dejjem agixxew skont dak imponut fuqhom mill-principji u salvagwardji stabbiliti mill-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk bl-ebda mod ma ghandhom jigu meqjusa jew ordnati responsabbli li jirrispondu ghall-allegati danni subiti mir-rikorrenti;

14. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq indikati l-esponenti ma jirrispondu ghall-ebda allegati danni u dan peress illi ebda azzjoni minn naha tal-esponenti ma setghet tikkaguna dannu lir-rikorrenti, li fi kwalunkwe kaz iridu jigu pruvati. Illi fl-ebda lok ma jezisti xi ness bejn id-danni reklamati u l-agir tal-esponenti. Illi certament li l-esponenti qatt ma agixxew b'mala fede kif jimponi l-artikolu 469A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigu akkordati danni taht dan is-subinciz;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a bazi tas-suespost u abbazi ta' kwalunkwe prova u/jew sottomissjoni li tista' tingieb skont il-ligi fi kwalunkwe stadju tat-trattazzjoni ta' din il-kawza, li tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni – Legittimu Kontradittur**

Illi l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari tal-intimati dwar il-legittimu kontradittur.

Kemm l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif ukoll l-Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima u l-Onorevoli Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva eccepew li mhumiex il-legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri ghal ragunijiet differenti.

**Provi**

Philip Schembri, Direttur Generali (Operat) fi hdan il-Ministeru ghall-Izvilipp Sostenibbili, xehed li l-MEPA ma taqax taht id-dekasteru tal-Ministeru sa minn meta twaqqaf f'Marzu 2013 (ara Dok. PS1 sa PS 3). Il-Ministeru hu inkarigat mill-politka ambjentali u mhux mill-politka tal-Ippjanar. Il-MEPA taqa' taht id-dekasteru tal-Ufficcju tal-Prim Ministru sa minn Marzu 2008. (Dok. PS1-5) Il-MEPA ma kkonsultatx fuq dan il-kaz mal-Ministeru u ma talbitx l-approvazzjoni tieghu. Il-Ministeru ma kienx involut bl-ebda mod mal-planning control application u ma ha l-ebda decizjoni fir-rigward tal-istess applikazzjoni.

Louis Gatt, in rappresentanza tas-Segretarju Parlamentari tal-Ippjanar, xehed li l-Awtorita tal-Ippjanar irreferiet it-talba tal-PC55/10 lis-Segretarju Parlamentari Falzon u dana ghaddija lil Prim Ministru ghal approvazzjoni. Ipprezenta d-dokumenti LG1-6 fejn Dok. LG6 a fol. 18 huwa l-approvazzjoni tal-Prim Ministru.

Perit Vincent Cassar, Chairman tal-Planning Board tal-Planning Authority, xehed li f'din l-area diga kien hemm zviluppi fuqha, qabel ma saru l-local plans fit-2006 u giet dikjarata area of containment. Fuq din l-area kienu diga hargu permessi ghal bini. Fit-2010 il-MEPA fethet PC application u dina telghet quddiem il-Bord fil-2011. Il-proprjeta tal-attur kellu l-permessi necessarji ghal bini u fejn kellu jhalli tlett metri

bhala green belt. Huma kien iddecidew li dana l-green belt kellu jibqa u l-area lil hin kellha tibqa` mhux zviluppata (ara Dok. VC1). Ir-rakkomandazzjoni taghhom marret ghand il-Ministru biex tigi approvata. Dak iz-zmien kien il-Prim Ministru li kien responsabbili direttament ghal MEPA, li kienet responsabbili ghal ambjent u planning. Huma ma kienux ircevew risposta. Fit-2013 inhatar Bord gdid wara l-Elezzjoni. Fit-2015 il-MEPA sabet li ma kinitx irceviet risposta fuq din il-PC u ghalhekk regghet giet prezentata quddiem il-Bord. Il-Bord iddecieda li jerga jibghata lil Ministru ta' dak inhar li kien ukoll il-Prim Ministru u kien hemm ukoll Segretarju Parlamentari li kien responsabbili ghal-MEPA ghan nom tal-Prim Ministru. Ir-risposta waslet minn naha tal-Prim Ministru tramite ic-CEO tal-MEPA, Johann Buttigieg, fi-sens li l-Bord kellu jikkunsidra l-area of containment kollha, vjola, hadra u safra, u mhux izomm parti minnha barra. Il-parti hadra setghet tigi zviluppata u ssir parti mill-vjola (Dok. VC2).

Meta x-xhud reggha xehed fis-seduta tal-14 ta' Frar 2017 huwa ezebixxa Dok. OM1 sa OM7. Dok. OM7, datat 24 ta' April 2015, fit-tieni pagna fiha il-firma tas-Segretarju Parlamentari Dr.M. Falzon (a fol. 198) u fuq il-pjanta fit-tielet pagna hemm il-firma tal-Prim Ministru (a fol. 199). L-approvazzjoni ggib id-data 3/6/2015 u hemm il-pjanta attaccjata maghha. Mhemmx id-data meta ffirma l-Prim Ministru imma huma rcevewha fil-5/6/2015 ghalhekk il-Prim Ministru iffirmaha bejn dawn iz-zewg dati. Il-firma tal-Prim Ministru tghodd bhala approvazzjoni. Dok. LG6 hemm ukoll l-approvazzjoni tal-Prim Ministru (ara fol. 170).

Oliver Magro, rapprezentant tal-MEPA, xehed li f'dan il-kaz kienet il-MEPA li dahhlet il-PC application biex temenda z-zona. Jekk l-applikazzjoni ma tiehux l-approvazzjoni tal-Ministru hi tibqa bla sahha ta' xejn kif gara f'dan il-kaz bejn it-2011 u 2015. Il-MEPA tirreferi l-applikazzzjoni direttament lill-Prim Ministru skond il-Ligi (art 58(2)(d) Kap 504). Meta l-applikazzjoni regghet intbghatet lil Prim Ministru giet talba biex jemendaw dak li kien propost mill-Awtorita. Huma obbligati li jimxu u jibdlu skond dak li jghid il-Ministru. L-applikazzjoni li ttellghet mill-MEPA hija Dok. OM1 u dina kienet kif xtaq l-attur; Dok. OM2 huma l-Board minutes; Dok. OM3 hija l-ittra li baghtu lill-OPM. Dok OM5 hija l-position statement tal-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari Dr M. Falzon datata 6 ta' Jannar 2015. Dok. OM7 hija l-ittra li huma

baghtu lill-OPM fejn ghamlu l-emendi li talab il-Ministru u li giet approvata mill-Prim Ministru fit-3 ta' Gunju 2015. Ipprezenta Dok. PA1 li huwa l-permess originali li hareg fil-18 ta' Gunju 2004 bil-kondizzjonijiet li kien impona l-Bord tal-MEPA.

Meta rega xehed fil-5 ta' Ottubru 2017 ipprezenta d-dokument MC1 a fol. 243 minn fejn jirrizulta li l-MEPA taqa' direttament taht l-ufficju tal-Prim Ministru li imbaghad jiddelega huwa x-xoghol lin-nies ta' tahtu. Jaf li l-ligi ssemmi l-Ministru tal-Ambjent. Dak iz-zmien il-Prim Ministru kien responsabbili kemm ghal Ambjent u l-Ippjanar - Malta Enviroment and Planning Authority.

Mario Cutajar, Segretarju Permanenti Ewlieni xehed li bejn 13/3/2013 u 28/4/2016 l-Onor. Leo Brincat kien Ministru responsabbili ghall-Ambjent u bejn 26/4/2016 u 3/6/2017 kien Dr. Jose Herrera.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-intimat Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli wiegeb li ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 hu ma kien involut bl-ebda mod fil-kwistjoni mertu tal-kawza odjema.

Philip Schembri, Direttur Generali (Operat) fi hdan il-Ministeru ghall-Izvilipp Sostenibbili, xehed li l-MEPA ma taqax taht id-dekasteru tal-Ministeru taghhom sa minn meta twaqqaf f'Marzu 2013 (ara Dok. PS1 sa PS3). Dan il-Ministeru hu inkarigat mill-politka ambjentali u mhux mill-politka tal-ippjanar bhala ma hu l-kaz in ezami.

Illi mill-provi jirrizulta li l-MEPA ma kkonsultatx fuq dan il-kaz ma' dan il-Ministeru u lanqas talbet l-approvazzjoni tieghu. Il-Ministeru ma kienx involut bl-ebda mod mal-planning control application PC 55/10 u ma ha l-ebda decizjoni fir-rigward tal-istess applikazzjoni.

Ghalhekk l-eccezzjoni ta' dan il-Ministeru qeda tigi milqugha u b'hekk qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-Awtorita intimata MEPA ssostni li mhijiex legittimu kontradittur u li l-PC Application 55/10 giet approvata mill-Ministru kkoncernat, cjoe l-Prim Ministru u mhux minnha u dana skont kif ipprovdut fl-Artikolu 58(2) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi r-rikorrenti esebixxa d-dokumenti, Avvizi Legali, a fol. 260 u 273 u ssottometta li l-Kap. 504 ma jitkellimx dwar Prim Ministru izda jitkellem dwar Minister for Sustainable Development, the Enviroment and Climate change.

Illi l-Qorti fittxet fil-website tal-justiceservices.gov u taht il-Kap. 356 - Development Planning Act hemm indikat li All subsidiary legislation has been transposed to Cap. 504 in accordance with Act X of 2010. Din is-site tibghatek fuq l-Environment and Development Planning Act li tindika li All subsidiary legislation made under this Act has been transferred to Subsidiary Legislation made under Cap. 549 or Cap. 552 respectively. Fil-Kap. 504 fuq din is-site nsibu pprovdut hekk taht l-artikolu 58:

> 58(1) In the preparation or review of a subsidiary plan or policy, the procedure set out in this article shall be followed with respect to the said plan or policy.
> (2) Where the Authority prepares a subsidiary plan or policy or review thereof as aforesaid, it shall seek the Minister’s approval in terms of the following procedure.

Mid-dokumenti ezibiti (ara per ezempju dokument a fol. 243 u Dok. PS1-5 a fol. 31 et seq) u mix-xhieda prodotti jirrizulta li l-MEPA taqa’ direttament taht l-ufficcju tal-Prim Ministru li imbaghad jiddelega huwa x-xoghol lin-nies ta’ tahtu. Ghalhekk il-Prim Ministru hu u kien responsabbili ghal Malta Enviroment and Planning Authority.

L-Awtorita issostni li mhijiex legittimu kontradittur billi hija tibghat l-applikazzjoni lill-OPM u jekk l-applikazzjoni ma tiehux l-approvazzjoni tal-Ministru hi tibqa bla sahha ta’ xejn ghalhekk ir-responsabilita hija tal-Prim Ministru u mhux taghha.

Il-Qorti ma taqbilx ma` dina s-sottomissjoni billi bil-ligi l-Awtorita ghandha l-poter li taghmel pjanijiet sussidjarji. Il-fatt li biex il-pjan lokali jidhol fis-sehh hemm bzonn l-approvazzjoni tal-ministru ma jfissirx li l-Awtorita ma ghandhiex locus standi u dana billi l-process tmexxieh kollu hi. Ghalkemm huwa minnu illi l-Awtorita ma ghandhiex l-

ahhar kelma fl-adozzjoni tal-pjan lokali, ghax hija mehtiega l-approvazzjoni tal-ministru, huwa wkoll minnu illi l-Awtorita ghandha rwol centrali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tieghu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Vanna Arrigo et vs Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar et**, (PA 17/10/2016), il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjoni tal-MEPA illi ma ma kienetx il-legittimu kontradittur f'dik l-azzjoni, u spjegat id-decizjoni taghha b'dan il mod:

> [f]ir-rigward tal-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar, jirrizulta illi l-Awtorita ntimata kellha rwol estensiv u sostanzjali fl-ezercizzju meritu ta' din l-azzjoni, tant illi kienet responsabbli sabiex tirrakomanda jekk sit partikolari kellux jigi inkluz fl-abbozz finali, u d-dokument finali bil-posizzjoni tal-MEPA kien gie sottomess lill-Parlament...
> (...)
> Ghalhekk huwa car illi ghalkemm id-decizjoni finali ma kienetx tal-Awtorita, l-Awtorita ntimata xorta wahda kellha rwol deciziv fil-process,
> Illi l-gudizzju ma jistghax ikun intergu minghajr il-partecipazzjoni tal-Awtorita ta' Malta ghall Ambjent u l-Ippjanar f'dawn il-proceduri, fid-dawl tal-fatt illi jirrizulta li d-decizjoni finali kienet necessarjament ibbazata fuq ir-rakkomandazzjoni ghal rifjut tal-Awtorita ntimata.

Din il-Qorti ghalhekk tqis illi f'dan il-kaz ukoll, il-gudizzju ma jkunx integru minghajr il-partecipazzjoni tal-MEPA la darba jirrizulta illi d-decizjoni finali kienet ibbazata fuq il-proposti tal-MEPA. Ghalkemm id-decizjoni finali ma kienetx tal-MEPA, il-fatt jibqa' illi l-MEPA kellha impatt sostanzjali fuq id-decizjoni ladarba kellha l-funzjoni u l-poter li tressaq il-proposta ghal approvazzjoni tal-Ministru.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-Awtorita qed tigi michuda.

**Prim Ministru u Segretarju Parlamentari**

Illi l-intimati l-ohra Prim Ministru u Segretarju Parlamentari ssottomettew li huma ma kellhomx jitharrku f'dina l-kawza ghax l-art. 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jridx li jkun ministru li jidher fil-kawzi ghall-gvern jew ghal xi awtorita pubblika meta diga jkun hemm min ghandu jwiegeb ghal ilment tar-rikorrent. (**Falcon Investments Limited vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u Avukat Generali**, App 27/10/2017). Huma jghidu illi l-position statement tas-Segretarju Parlamentari mehud fir-rigward tal-PC Application u l-approvazzjoni

sussegwenti tal-istess mill-Prim Ministru saru in linea mal-ligijiet u regolamenti vigenti.

Skont il-gurisprudenza tal-qrati taghna rigward l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-artikolu 181B, dan l-artikolu ma jfissirx illi awtomatikament l-Ministru responsabbli ma jista' qatt ikun il-legitimmu kontradittur f'azzjoni gudizzjarja.

Fis-sentenza **Melita Cable p.l.c. vs Il-Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq et** deciza mill- Qorti tal-Appel fis-6 ta' Frar 2015 intqal:

> Qed jigi sottomess illi la darba l-awtoritajiet governattivi u dawk li jirregolaw l-komunikazzjoni huma parti fil-kawza, ma hux mehtieg il- prezenza tal-Ministru koncernat. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din issottomissjoni.
> L-avviz legali in kwistjoni inhareg mill-imsemmi Ministru, u huma it-termini ta' dak l-avviz legali innifsu li qed jigu attakkati b'din il-procedura, u mhux il-hdim tal-istess avviz legali. Id-decizjoni tal-MEPA kienet a vantagg tal-rikorrent kuntrarjament ghad decizjoni ta' wara.

Dik il-Qorti kienet tal-fehma li l-Ministru gie mharrek korrettament f'dawk il-proceduri, ghaliex jekk id-decizjoni li minnha qed isir ilment kienet tal-Ministru, ghandu jkun il-Ministru li jirrispondi ghad-decizjoni tieghu f'dik il-kawza.

L-istess kien inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Prim Imhallef Emeritus Dr Joseph Said Pullicino fil-kwalita tieghu ta' Ombudsman Parlamentari vs Il-Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali et**, (PA 12/10/2015) fejn gie rrilevat illi:

> Fil-fehma tal-Qorti l-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali gie mharrek korrettament u huwa l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri peress li mill-atti tal-kawza jirrizulta b'mod car li kien taht id-direzzjoni tal-istess Ministru u fuq struzzjonijiet mahrugin minnu li ttiehdet id-decizjoni li l-Ministeru tieghu ha ...

Illi f'dan il-kaz l-Awtorita tal-Ippjanar irreferiet it-talba tal-PC55/10 lis-Segretarju Parlamentari Falzon u dana ghaddija lil Prim Ministru ghal approvazzjoni. Illi fil-fatt l-Awtorita kienet intalbet li temenda r-rakkomandazzjoni taghha mill-OPM li rrizultat fi pregudizzju ghar-rikorrent. Illi r-rikorrent fil-fatt qed jattakka dina d-decizjoni li ppregudikatu.  L-Awtorita kienet obbligata li timxi u tibdel skond dak li qalilha l-Ministru. Ghalhekk f'dan l-istadju il-gudizzju ma jkunx integru minghajr il-partecipazzjoni tal-Prim Ministru u s-Segretarju Parlamentari f'dawn il-proceduri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli li mhux il-legittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ghar-rikorrenti.

Tichad l-istess eccezzjoni tal-Prim Ministru, tas-Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva u tal-Awtorita tal-Ippjanar. Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur